MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 723/2004

**Angelo Vella**

**Vs**

**Thomas Xuereb**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-Talba li biha l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta` erba` mija u erbgha u ghoxrin lira Maltin (Lm424) rapprezentanti danni subiti fil-vettura bin-numru ta` registrazzjoni EAJ613 tal-marka Mitsubishi rizultanti minn kollizzjoni li sehhet fis-6 ta` Jannar 2004 fi Triq Tas-Santi, Mgarr meta l-konvenut kien qed isuq il-vettura bin-numru ta` registrazzjoni JAE015 tal-marka Ford.

Ra r-risposta tal-konvenut li biha wiegeb li t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-

ispejjez kontra l-attur stante li l-incident de quo sehh minghajr ebda htija da parti tal-konvenut izda sehh unikament b'negligenza, traskuragni, imperizja jew nuqqas ta` tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-attur.

Sema` x-xhieda ta` Thomas Xuereb, Angelo Vella u Walter Vella.

Ra d-dokumenti kollha esebiti u l-atti kollha tal-kawza.

Sema` t-trattazzjoni ta` Dr Graziella Bezzina ghall-attur u Dr Ramona Frendo ghall-konvenut.

**Ikkonsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-kollizjoni in kwistjoni saret *head-on* bejn il-vetturi misjuqa miz-zewg partijiet fi Triq is-Santi, limiti tal-Mgarr liema triq hija *country road* u li sserrep.

It-triq m'hijiex wiesgha hafna u huwa dubjuz kemm jistghu jghaddu zewg karozzi magenb xulxin.

L-attur ighid illi waqt li huwa kien miexi kien innota li gejja karozza mid-direzzjoni opposta u ghalhekk waqaf u basar illi l-karozza l-ohra ser tieqaf ukoll biex imbaghad iz-zewg karozzi jkunu jistghu jghaddu bil-mod il-mod magenb xulxin u jghaddu, izda fil-fatt huwa nnota illi d-*driver* l-iehor baxxa rasu u meta mbaghad rega` hares kien tard wisq, ghafas il-*brake* izda xorta wahda sehhet il-kollizjoni. Huwa kkonferma illi fil-mument li sehh l-incident huwa kien gja wieqaf izda li d-*driver* l-iehor, cioe` l-konvenut, baqa` diehel go fih.

Il-konvenut da parti tieghu xehed illi ghalkemm ammetta li hin minnhom baxxa rasu kif qal l-istess attur, li fil-mument tal-kollizjoni l-vettura misjuqa mill-attur kienet miexja u

ghalhekk sostna illi fil-mument tal-kollizjoni z-zewg vetturi kienu miexjin u b'hekk sehhet il-kollizjoni.

Iz-zewg partijiet qablu illi fil-post ezatt fejn sehh l-incident, il-kisra hija daqsxejn aktar qawwija minn kif jinsab indikat fl-sketch a` fol 35 tal-process u dan anke jidher ukoll mir-ritratti esebiti a` fol 53 sa 57 tal-process.

F'kazijiet simili, *actor non probante*, *reus absolvitur* (Andrew Dalli vs Michael Bezzina nomine – Citazz 187/90 deciza PA 31/01/2003). Illi wara li t-Tribunal sema` lix-xhieda jaghtu l-verzjonijiet taghhom *viva voce* jasal ghall-konkluzjoni illi d-deskrizzjoni ta` kif sehhet il-kollizjoni moghtija mill-attur hija aktar vero simili. It-Tribunal jemmen li fil-mument li sehh l-incident l-attur kien wieqaf u li effettivament l-attur kien waqaf bl-intiza li anke d-*driver* l-iehor kien ser jaghmel l-istess u dan partikolarment billi, anke meta wiehed jezamina r-rapport li ghamlu z-zewg sewwieqa a tempo vergine lill-pulizija li nvestiga l-kaz jirrizulta illi l-konvenut qal hekk:

"Kont tielgha t-Triq tas-Santi sejjer lejn ir-Rabat u nahseb li harist l-isfel u x' hin ghollejt rasi rajt il-vettura l-ohra li kienet ghadha l-boghod, ghafast il-brake imma kien ghalxejn ghax hbatna."

It-Tribunal huwa tal-opinjoni illi l-kawza prossima tal-kollizjoni hija n-nuqqas ta` *proper lookout* u attenzjoni da parti tal-konvenut fil-hin propizju qabel ma saret il-kollizjoni. Kien proprju fil-mument meta kien messu qaghad l-iktar attent ghal x'inhu gej mid-direzzjoni opposta ghaliex kien qed isuq f'*country road* li sserrep u addirittura, mill-sketch esebit jirrizulta illi fil-mument li sehhet il-kollizjoni, l-konvenut kien pjuttost *wrong side*.

Illi ghalhekk, galadarba jirrizulta li l-kawza prossima tal-kollizjoni hija mputabbli ghall-konvenut, huwa l-konvenut li unikament huwa responsabbli ghall-kollizjoni in kwistjoni.

Ghar-rigward tal-quantum tad-danni dawn jinsabu debitament provati kemm mix-xhieda tal-attur Angelo

Vella u kif ukoll mid-dokumenti esebiti u ma ngabet l-ebda prova li b' xi mod ixxejjen il-pretenzjoni tal-attur fir-rigward.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-kollizjoni in kwistjoni u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta` erba` mija u erbgha u ghoxrin lira Maltin (Lm424) bl-ispejjez tal-kawza u bl-interessi li jibdew jiddekorru mit-3 ta` Ottubru 2005 (data li fiha pprezenta r-risposta tieghu).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------